# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

# ONOR. MHALLEF
# JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' Nhar il-Hamis 23 ta' Novembru, 2017

**Rikors Numru: 1156/2015 JPG**

**Kawza Numru: 17**

**Koperattiva ta' Min Irabbli l-Majjali**
**(Koperattiva Numru 18)**

**Vs**

**John Fenech (ID 183259M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors guramentat tal-Koperattiva ta' Min Irabbli l-Majjali datat 7 ta' Dicembru 2015, li jaqra hekk;

1. *Illi l-intimat John Fenech kien membru tal-Koperattiva ta' Min Irabbli l-Majjali;*

2. *Illi permezz ta' ittra datata 22 ta' Settembru, 2015 (kopja hawn annessa u mmarkata bhala DOK 'A') l-intimat irrizenja mill-Koperattiva esponenti b'effett immedjat;*

3. *Illi dan l-agir jikkostitwixxi vjolazzjoni flagranti ta' Klawsola 14 tal-Istatut tal-Koperattiva rikorrenti, liema klawsola tistipula illi Membru li jkun jixtieq jirtira u jtemm is-shubija tieghu mal-Koperativa ghandu jaghti pre-avviz ta' mill-inqas tnax-il xahar, diment li ma jkunux jissussistu c-cirkostanzi eccezzjonali previsti minn paragradu (b) tal-imsemmija Klawsola 14 (li fil-kaz tal-intimat certament li ma japplikawx);*

4. *Illi permezz tal-agir tieghu l-intimat ikkawza u qed ikompli jikkawza danni ingenti lill-Koperattiva rikorrenti u lill-membri taghha kif se jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza;*

5. *Illi immedjatament li l-intimat temm is-shubija tieghu mal-Koperattiva rikorrenti billi rrizenja b'effett immedjat bi ksur flagranti tal-Istatut, kif fuq imsemmi, l-intimat beda jbiegh il-majjali minnu allevati lill-klijent regolari tal-Koperattiva rikorrenti u dan bi hsara u b'detriment ghall-istess Koperattiva rikorrenti;*

6. *Illi oltre dan l-agir tal-intimat jikkostitwixxi theddida mill-izjed serja ghall-kontinwazzjoni tal-ezistenza tal-istess Koperattiva rikorrenti u huwa proprju ghalhekk illi Klawsola 14 tal-Istatut tipprefiggi l-htiega ta' pre-avviz ta' tnax-il (12) xahar sabiex membru jirrizenja halli l-Koperattiva tilhaq taghmel l-arrangamenti mehtiega biex ir-rizenja ta' tali membru ma jkollhiex effett detrimentali fuq il-Koperattiva u ma jippregudikaz l-interessi u l-ghixien tal-membri taghha;*

7. *Illi ghal dawn il-motivi kollha l-Koeprattiva qieghda tipprezenta din il-kawza kontra l-intimat.*

*Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:*

1. *Prevja kwalsijasi dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja, tiddikjara illi l-intimat kiser u vvjola l-provvedimenti ta' Klawsola 14 tal-Istatut tal-Koperattiva ta' Min Irabbli l-Majjali illi taghha huwa kien membru billi rrizenja minn membru tal-Koperattiva rikorrenti b'effett immedjat permezz tal-ittra tieghu datata 22 ta' Settembru, 2015;*

2. *Tiddikjara illi bl-agir tieghu l-intimat ikkawza u qed ikompli jikkawza danni ingenti lill-Koperattiva rikorrenti;*

3. *Tillikwida d-danni sofferti mill-Koperattiva rikorrenti okkorrendo bl-opra ta' perit/i nominandi; u*

4. *Tikkundanna lill-intimat biex ihallas lill-Koperattiva rikorrenti dik is-somma in linea ta' danni illi tigi hekk likwidata.*

   *Bl-ispejjez kollha u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta' dan ir-Rikors Guramentat sad-data tal-hlas effettiv kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.'*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi.

Rat ir-risposta mahlufa tal-konvenut John Fenech, datata 13 ta' Jannar 2016 (vide fol 11 et seq), li taqra hekk:

*Stqarrija ta' l-Eccezzjonijiet.*

1. *Illi preliminarjament, l-azzjoni attrici hija proposta hazin billi l-eccipjenti gie mkecci mill-Koperattiva, u kwindi l-premessi fattwali ta' l-azzjoni huma inezistenti;*

2. *Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, il-Koperattiva attrici accettat ir-rizenja ta' l-ieccipjenti tant li kkonvertieta fi tkeccija, u kwindi rratifikat l-istess;*

3. *Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-eccipjenti ma kkommetta ebda vjolazzjoni.*
4. *Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-eccipjenti ma kkawzax danni lill-Koperattiva attrici;*

5. *Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt, u kwindi ghandhom jigu respinti.*

   *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

   *Bl-ispejjez kontra l-Koperattiva attrici, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni tar-rapprezentanti taghha fi proceduri gudizzjarji.*

   *B'riserva ghal kull dritt t'azzjoni spettanti lill-eccipjenti kontra l-istess Koperattiva attrici.'*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

**Ikkonsidrat:**

**Dr. Oliver Frendo** xehed a fol 20 *et seq* u a fol 62 *et seq* illu ilu jokkupa l-kariga ta' *General Manager* u veterinarju tal-Koperattiva ta' Min Irabbi l-Majjali (KIM) ghal circa sitt snin u nofs. Spjega li l-membri tal-KIM huma r-rahhala li jrabbu l-majjali nnifishom u illi l-KIM, li ghandha madwar 130 membru, ghandu Statut li jorbot lil membri kollha.

Spjega wkoll li l-KIM tirregola l-qatla tal-majjali billi tistabilixxi kwota biex b'hekk kull rahhal ikun jaf kemm ghandu dritt irabbi u joqtol, u zied illi ftit snin qabel kien ukoll sar kuntratt sabiex tinbidel il-kwota peress illi d-domanda ghal majjal Malti kienet naqset, u dan wara vot unanimu li ttiehed mill-membri prezenti ghall-Laqgha Generali mizmuma fis-sena 2015.

Xehedli l-intimat kien parti mill-Kumitat sakemm ma giex elett fil-Laqgha Generali tal-2015. Spjega li f'Settembru l-KIM kienet ircievet ittra minghand l-intimat skont liema huwa xtaq jirrizenja b'mod effettiv. Qal illi skont l-Istatut, membru irid jaghti pre-avviz ta' tnax -il xahar qabel jirrizenja u dan ghaliex trid sena biex trabbi hanzir u meta jirrezenja prodottur, ikun hemm bzonn li membri ohrajn jaghmlu tajjeb ghal kwota tieghu. Xehed illi l-kwota tar-rikorrent kienet originarjament ta' 113 hanzir, izda wara l-emendi li saru ghall-kwota, din tnaqset ghal 70%, imbaghad nizlet ghal 60% u llum il-gurnata hija 45% wara li kien hemm qbil fuq dan l-ammont f'Settembru 2015.

Xehed ukoll illi jahseb li waqt li l-intimat kien ghadu membru, u cioe qabel ma baghat l-ittra tar-rizenja, kien beda jbiegh lill-klijent tal-KIM, u cioe lill-Prime, dan minkejja li skont l-Istatut, dan ma setghax isir, ghaliex il-membri ma jistghux jikkompetu kontra l-KIM. Spjega li ghandhom certezza li l-intimat kien beda jbiegh lil Prime ghaliex il-Prime kienet tordna certu numru ta' majjali kull xahar minghand il-KIM izda mbaghad, xi tliet gimghat qabel ir-rizenja tal-intimat, il-Prime l-ewwel naqset id-domanda, mbaghad ma baqghatx tordna iktar. Xehed illi minhabba dan, **huwa kien kellem lil John Muscat tal-Prime, li minn naha tieghu gieli ilmenta fuq kwalita, fuq *cuts* u xi drabi anke fuq il-prezz tal-laham tal-majjal. Mistoqsi mill-Qorti jekk Muscat kienx semmielu lill-intimat, wiegeb fin-negattiv.** Rigward il-kwalita tal-majjali tal-intimat, xehed illi in generali din kienet tkun tal-oghla grad.

Mistoqsi biex jispjega kif sofriet danni il-KIM, spjega illi l-KIM tixtri l-hniezer minghand il-membri u tbieghhom lil klijenti u d-differenza fil-prezzijiet tissejjah il-*levy*. Xehed illi l-KIM tikkalkula kollox fuq il-*levy* u r-rekwizit tal-pre-avviz qabel rizenja, huwa mahsub sabiex il-KIM tilhaq tikkalkula jekk hux ser ikun hemm xi tnaqqis fid-dhul taghha u biex tara minn fejn ser tipprovdi il-hniezer li dak il-membru kien jipprovdi sabiex tkun tista' tilhaq mad-domanda tal-klijenti. Zied li barra minn hekk, l-intimat ikkawza dannu lil KIM

billi beda jbiegh hniezer lil klijent tal-KIM u allura l-KIM tilfet ukoll il-bejgh lil dak il-klijent.

Spjega illi l-*levy* li tiehu l-KIM, hija ta' 4c il-kilo, filwaqt illi l-intimat kien jipprovdi 650 hanzir, u cioe 56,160 kilos tal-laham tal-majjal fis-sena. Ghalhekk ir-rizenja tal-intimat ikkawzat telf lil KIM fl-ammont ta' circa €2,690, kif ukoll fl-ammont ta' circa €2,446 minhabba l-bejgh lil tilfet mill-Prime.

**In kontro-ezami** a fol 82 *et seq* xehed illi l-*levy* hija *return* fuq kull kilo majjal li jinbiegh lil KIM li jista' jerga jinbiegh lill-klijenti. Spjega li parti minn dan l-ammont immur f'*long term loan* li tibqa' investita fil-KIM f'isem il-membru u filfatt din tithallas lura lil membru meta jiddeciedi li johrog mill-KIM. **Mistoqsi rigward it-telf effettiv li soffriet il-KIM, wiegeb illi ma kienx hemm telf ta' *levies* peress illi dahhluhom minghand xi hadd iehor**. Rigward **it-tkeccija tal-intimat** xehed illi din kienet decizjoni tal-avukat tal-KIM, izda m'hemmx minuti tal-laqgha peress li din kienet biss laqgha nformali bejn il-kumitat tat-tmexxija u l-avukat. Ikkonferma illi l-KIM iddepozitat il-Qorti dak li skont hi ghandu jiehu l-intimat, izda ma kienx cert jekk kienx sar xi tnaqqis. Xehed illi l-Kumitat kien diga kellem lill-intimat dwar il-fatt li kien ibiegh lil Prime, u r-reazzjoni tieghu kienet li jirrizenja, ghalkemm hu ma kienx prezenti u jaf b'dan biss ghaliex qalulu l-membri l-ohra tal-Kumitat.

**In ri-ezami** a fol 88 xehed illi l-ammont li kien jaghti l-intimat lil KIM kien naqra izjed minn dak li kienu jbieghu lil Prime.

**Mario Abela** xehed permezz ta' affidavit a fol 36 *et seq* illi huwa ilu membru tal-KIM ghal ghoxrin sena, u President tal-istess KIM mill-2013. Xehed illi l-intimat kien ukoll ghamel xi zmien fil-kumitat pero ma kienx gie elett fl-elezzjoni tal-2015, u wara din l-elezzjoni, l-intimat kien iddeciedi jibda jbiegh majjali tas-simna lil wiehed mill-klijenti tal-KIM.

Spjega li l-industrija hija regolata minn ligi veterinarja li tistabilixxi kwota ta' kemm rahhal jista' joqtol majjali kull xahar, u illi apparti li l-KIM kellha Statut li kien jorbot il-membri kollha, fl-2013 kien sar kuntratt biex tonqos il-kwota tal-majjali li setghu jinqatlu ghal 70% minhabba li kienet naqset id-domanda tas-suq, u ghalhekk skont dik il-kwota l-

intimat kien joqtol 88 majjal fix-xahar. Wara vot li ttiehed fis-6 ta' Marzu 2015 imbaghad, kien gie miftiehem illi dak il-kuntratt m'ghandux japplika iktar ghaliex il-precentwali ghandha tinhadem kull gimgha skont id-domana li tidhol.

Xehed li meta l-intimat ma giex elett fil-kumitat, kien beda jbiegh lil Prime, wiehed mil-klijenti tal-KIM, haga li ma setgax jaghmel skont l-istatut. Kompla illi ghalhekk l-intimat kien qabad u baghat ittra ta' rizenja b'effett immedjat lil KIM, u spjega illi peress illi din kienet tikostitwixxi vjolazzjoni tal-Istatut**, il-KIM kienet ikkonvertiet din ir-rizenja fi tkeccija.**

**In kontro-ezami** a fol 77 *et seq* xehed illi qabel intbaghtet l-ittra ta' tkeccija, il-kumitat ta' tmexxija kien zamm numru ta' laqghat imbaghad iddecieda li jikkonverti r-rizenja tal-intimat fi tkeccija f'laqgha partikolari fejn kien prezenti l-avukat tal-KIM u kien zamm il-minuti Dr. Oliver Frendo. **Mistoqsi ma liema ufficjal tal-Prime kien ikkomunika, wiegeb li ma tkellem ma hadd u kkonferma li hadd minn tal-Prime ma qallu li qed jixtru minghand l-intimat.** Cahad illi tal-Prime kienu qatt ilmentaw fuq il-prezzijiet jew il-kwalita, ghaliex meta kien jiltaqu', li kien ta' spiss, kien isemmilu biss affarijiet li graw fl-antik.

**Ikkonsidrat;**

Permezz tal-ewwel eccezzjoni tieghu, l-intimat jikkontendi illi l-azzjoni tal-Koperattiva rikorrenti giet proposta hazin, u dan billi l-premessi fattwali tal-azzjoni huma inezistenti ghaliex filfatt kienet il-Koperattiva rikorrenti li kecciet lill-intimat.

Il-Qorti rat l-ittra ta' rizenja mibghuta mill-intimat fit-22 ta' Settembru 2015 lil Koperattiva rikorrenti, u rat illi permezz ta' din l-ittra l-intimat irrizenja mill-Koperattiva "*b'effett immedjat."* Erbat'ijiem wara, u cioe fis-26 ta' Settembru 2015, il-Koperattiva rikorrenti rrispondiet ghal din l-ittra billi kkonvertiet l-istess rizenja fi tkeccija b'effett mit-22 ta' Settembru 2015.

Il-Qorti tqis ghalhekk illi m'huwiex minnu li l-premessi fattwali fir-rikors guramentat tal-Koperattiva rikorrenti huma inezistenti, ghaliex l-fatti juru li l-intimat irrizenja b'effett

immedjat mill-Koperattiva, u huwa minnu wkoll illi skont il-klawsola 14 tal-Istatut tal-istess Koperattiva, rizenja b'effett immedjat m'hijiex permessibli ghaliex membru jrid jaghti tnax -il xahar pre-avviz, salv fic-cirkostanzi previsti fl-istess statut.

Ghalhekk il-bazi fattwali tal-azzjoni tar-rikorrenti, u cioe illi l-intimat irrizenja minghajr ma ta tnax -il xahar pre avviz tirrizulta mill-atti u ghalhekk din l-eccezzjoni ghandha tigi michuda.

**Ikkonsidrat;**

Permezz tat-tieni eccezzjoni tieghu, r-rikorrenti jeccepixxi illi meta l-Koperattiva rikorrenti ikkonvertiet ir-rizenja tieghu fi tkeccija, hija accettat u rratifikat l-istess tkeccija.
Rigward il-klawsoli tal-Istatut relevanti ghal din il-kawza jirrizulta illi:

1. Skont il-klawsola numru 14, **il-perjodu ta' tnax -il xahar pre-avviz jista' jitnaqqas jew jitnehha** jekk *(i) ikun hemm raguni valida, (ii) il-membru jkun ser jizzarma la jtemm is-shubija u (iii) l-irtirar mghagel ma jaghmilx hsara lil negozju tal-Koperattiva.*

2. Skont il-klawsola 18, membru jista' jigi mkecci mill-Koperattiva jekk ma jsegwix ir-regoli tal-kooperativa jew jekk jagixxi kontra l-interessi taghha, u dan jekk, **wara li jkun gie avzat bil-miktub jibqa' jonqos**.

3. Il-klawsola 19 imbaghad tistabilixxi l-procedura fil-kaz illi jkun hemm raguni valida ghat-tkeccija ta' membru, skont liema il-**Kumitat ghandu jibghat ittra lil membru bl-akkuzi kontrih, l-intenzjoni tal-Kumitat u jaghti lil membru l-opportunita sabix jiddefendi ruhhu u jgib provi kontra l-akkuza fi zmien 15 – il gurnata**.

Ghalhekk, skont l-Istatut, il-Koperattiva rikorrenti ma setghatx taqbad u tikkonverti r-rizenja tal-intimat fi tkeccija b'effett retroattiv, izda kellha l-ewwel nett tavza lill-intimat bil-miktub li rizenja minghajr pre-avviz tikkostitwixxi ksur tal-Istatut u kien biss jekk huwa jibqa' jinsisti fuq ir-rizenja mmedjata tieghu, illi l-Koperattiva rikorrent setghat

tipprocedi ghat-tkeccija tieghu. Pero anke hawnhekk, din it-tkeccija ma setghatx tkun immedjata, u wisq anqas b'effett retroattiv, ghaliex il-Koperattiva wara li taderixxi id-dmir taghha li tibghat ittra lil-intimat fejn tavzah bl-intenzjoni taghha ghat-tkeccijja tieghu, kellha taghtih cans iressaq id-difiza tieghu. F'dan il-punt, l-intimat kien ikollu cans juri lil Koperattiva rikorrenti, jekk kienet tezisti wahda mic-cirkostanzi provduti fil-klawsola 14 sabiex jitnaqqas jew jitnehha ghal kollox il-perjodu ta' pre-avviz.

Ghalhekk, il-Qorti taqbel mal-argument tal-intimat li kienet il-Koperattiva stess illi taghat effett immedjat lil rizenja tieghu, u dan kontra dak stipulat fl-Istatut tal-Koperattiva, u minn dan isegwi li huwa fondat l-argument tal-intimat, li l-Koperattiva stess allura accettat u rratifikat ir-rizenja tieghu u li ghalhekk l-azzjoni kontrih m'hijiex misthoqqa. Dan specjalment ikkonsidrat il-fatt illi l-Koperattiva rikorrenti kienet marbuta mill-Istatut sabiex taghti cans lill-intimat jigi in linea mal-Istatut, haga li m'ghamlitx.

Huwa relevanti hawnhekk li jigi rrilevat illi filfatt kienet tezisti wahda mic-cirkostanzi sabiex jitnehha ir-rekwizit ta' pre-avviz ta' tnax -il xahar, ghaliex mill-provi jirrizulta illi membri ohra ghamlu tajjeb ghall-ammont li suppost kien jigi provdut mill-intimat, b'mod illi l-Koperattiva rikorrenti ma soffriet l-ebda dannu fir-rigward ta' telfien ta' *levies.*

Fir-rigward tal-allegazzjoni li l-intimat kien qieghed ibiegh lil Prime, klijent tal-Koperattiva rikorrenti, il-Qorti tirrileva li l-ebda prova ma ngabet rigward dan. Filfatt, Dr. Oliver Magro xehed illi meta huwa kellem lil tal-Prima rigward in-nuqqas ta' domanda taghhom, dawn semmew il-kwalita u l-prezz tal-prodott fornut mill-Koperattiva, u fl-beda hin ma semmew li kien qed jixtru prodott minghand l-intimat, filwaqt illi Mario Abela xehed illi huwa qatt ma kellem lil tal-Prima fuq dan is-suggett u z-zewg xhieda ammettew illi huma **assumew** li tal-Prime kienu bdew jixtru minghand l-intimat minhabba t-*timing* tal-avvenimenti. Il-Qorti tinnota wkoll illi l-Koperattiva rikorrenti ma pproduciet l-ebda persuna minn tal-Prime biex tixhed fuq min kien is-*supplier* gdid taghha, u dan minkejja illi fil-lista ta' xhieda taghha elenkat lil '*John Muscat, James Muscat u ufficjali ohra ta' Prime Limited'* bhala xhieda taghha. Il-Qorti naturalment ma tistghax tibbaza d-decizjoni taghha fuq semplici kongetturi u assunzjonijiet u kien id-dmir tal-Koperattiva rikorrenti illi tressaq prova fuq bilanc ta' probabilitajiet illi l-intimat kien filfatt qieghed jissuplixxi lil Prime bi vjolazzjoni tal-Istatut.

Ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi l-azzjoni tal-Koperattiva rikorrenti hija insostenibbli.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-ewwel eccezzjoni tal-intimat, tilqa' l-bqija tal-eccezzjonijiet tal-intimat u tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti.

L-ispejjez kollha ghandhom ikunu a karigu tar-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**